- *Raġonevolezza ta' mandat kawtelatorju*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 18 ta' Novembru 2021**

**Rikors Nru. 619/2021 GM**

**Kanon Gaming Limited (C 57860)**

**vs**

**Pierre Erik Michael Hjelm (ID 128652A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal- 24 ta' Ġunju 2021 ippreżentat mis-sekwestrat;

Rat ir-risposta tas-sekwestranti;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru 2021;

Rat l-atti tar-rikors;

Ikkonsidrat :

Illi r-rikorrent isejjes it-talba tiegħu għar-revoka tal-mandat *in parte* fuq Art 836(1)(f) Kap 12. Isostni li mhux raġonevoli li l-mandat jolqotlu l-home loan u l-assikurazzjoni tiegħu għax dan jista' jkollu konsegwenzi serji inkluż li jitlef id-dar fejn joqgħod. Ir-ragonevolezza o meno ta' mandat kawtelatorju iżda titqies mill-*punto di vista* tad-dritt kawtelat u mhux mil-lenti tal-konsegwenzi li jista' jsofri s-sekwestrat, li f' dan il-każ ma ppremettiex li l-ammont issekwestrat huwa esaġerat jew manifestament infondat (Art 836(1)(d). Fejn il-liġi trid li tħares lis-sekwestrat, dan tgħidu bid-dettal kollu, billi ma tħallix li jsiru ċerti mandati kontra ċerti persuni (Art 837(3) u (4) Kap 12) inkella fuq ċerti ħwejjeġ jew is-salarju tas-sekwestrat (Art 381, 382 Kap 12). Il-*loans* bankarji u l-assikurazzjonijiet ma jiffurmawx parti minn dawn il-ħwejjeġ. "*Ubi lex voluit, dixit*".

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba; spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

GRAZIO MERCIECA

IMĦALLEF